MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 557/2014

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Vijay Sharma**
**ID 57013A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Awwissu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet ill 'l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' tlett elef, mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€3,145.52) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40194383 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Simone Wrightman ghas-socjeta' attrici li fil-25 ta’ Marzu, 2015 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ tlett elef, mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€3,145.52) ghadu dovut.

It-Tribunal ra ‘lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta’ tlett elef, mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€3,145.52) liema ammont jithallas b’rati mensili ta’ hamsin ewro (€50) fix-xahar. L-ewwel pagament ikun fit-30 ta’ April, 2015.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------